MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 319/2009

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur, wara li ppremetta li z-zwieg tieghu ma’ l-attrici huwa null stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta, talab li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Mejju 2003 jigi dikjarat null fil-ligi, u li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat li permezz ta’ nota mahlufa u prezentata fit-13 ta’ Novembru 2009, il-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-24 ta’ Mejju 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi fuq citati ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha taghha l-konvenuta qed taqbel ma’ din it-talba.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fl-24 ta’ Mejju 2003, meta allura l-attur kellu 29 sena u l-konvenuta kellha 25 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien kwazi hames snin.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta mhux kontestat li l-inkwiet bejn il-partijiet beda meta l-konvenuta wriet bic-car li hi ma riditx li jkollha tfal. Hi tghid li, ghalkemm qatt ma qalghet dan lill-attur, hija minn dejjem kellha l-biza li jkollha tfal, u, ghalhekk meta l-attur beda jinsisti li jipprovaw ghat-tfal hija kienet qaltlu car u tond li hi qatt ma kellha l-hsieb li jkollha t-tfal, ghax kienet tibza’ kemm mit-twelid kif ukoll mir-responsabbilita’ tat-tfal.

Fi kliemha: “Jien kont dejjem nibza ….. mbaghad *when we got married and started living together, I started to feel the pressure of having children,* [u] bdejt nibza’ aktar. *I had my dog, I was happy with my dog; it was enough of a commitment, and the commitment used to scare me.*” [fol.31].

Konformament, il-partijiet jaqblu li l-att taz-zwieg bejniethom dejjem sar bi prekawzjoni doppja, jigifieri minn naha tieghu u minn naha tal-konvenuta, biex zgur din ma tinqabatx tqila kontra x-xewqa taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti,**
Il-Qorti hi tal-fehema li f’ dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenuta l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, stante li din, ghalkemm esternament ghaddiet minn cerimonja taz-zwieg, izda nternament u b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha eskludiet wiehed mill-obbligi essenzjali ghall-hajja konjugali, dak tal-prokreazzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Mejju 2003.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------